MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Numru 617/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR RITA CRIMINALE**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**
**VS**
**ISSA ISSLAM TAWFIK ISSA**

Il- Qorti

Rat l- imputazzjoniet migjuba kontra Issa Isslam Tawfik Issa, ta' 32 sena, iben Tawfik u Emna nee' Issa, Egittu, nhar il-25 ta' Novembru 1969 u bl-ahhar indirizz maghruf Flat No. 3, Bountempo Estate, Balzan u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 202380(A).

Illi huwa akkuzat:

a). Talli nhar il-11 ta' Lulju 2005, minn gewwa residenza privata, sitwata B'Kara, ikkommetta serq ta' LM 400 fi flus, minn " Helen", Triq it-Torri Wejter, B' Kara, liema serq hu

kkwalifikat, bil-persuna, bil-lok u valur li ma jaccedix il-hames mitt lira Maltin (LM 500) u li sar ghad-detriment ta' Vincent u Carmen Testa minn B' Kara.

b). U aktar talli matul ix- xahar ta' Lulju 2005 fl- istess lok u cirkostanzi f'dawn il- gzejjer, approprijajt ruhek, billi dawwart bi profitt ghalik jew ta' persuna ohra, haga ta haddiehor u cioe' tas- sinjuri Vincenti u Carmen Testa minn B' Kara li giet fdata jew ikkunsijata lilek taht titlu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifika, jew ikkunsinnata lil hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjonu, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Illi ghaldaqstant jitolbu li l-kaz jigi investigat skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.9) u dak ta' l-imputat (a fol.5) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-kwerelanti Testa ghamel rapport fl- Ghassa tal-Pulizija, illi, waqt li l-imputat kien qieghed jaghmel xoghol ta' tqeghid ta' madum u xoghol ta' *plummer* u *electrician,* huwa kien ha s-somma ta' LM 400 minn gol-basket tal-kwerelanti Carmen Testa.

Illi apparti minn dan, il-kwerelanti kienu taw somma ta' flus lill-imputat biex jixtri xi *tiles* u li dan kien gie u ghamel gurnata xoghol imbaghad ma resaqx iktar biex ikompli xogholijiet (ara akkorenza Dok PS a fol 18 et. sequitor u xhieda ta' Carmen Testa a fol.34 u Vincent Testa a fol. 50 et sec).

Illi fil-kors ta' din il-kawza in vista ta' l-inkonsistenzi gravi bejn il-kwerelanti stess, apparti cirkosrtanzi illi kienu jidhru kompletament in verosimili, l-Qorti bdiet tissikka lil kwerelanti dwar ic-cirkostanzi specifici, u di piu', gie ezebit *cassette* Dok.MD, li traskrizzjoni tieghu qeghda kontenuta f'Dok.MD1 (a fol.61) illi juri illi l-verita' kienet ferm diversa minn dak illi pprovaw jaghtu l-istess kwerelanti. Jidher bic-car minn Dok.MD1 kif wkoll mix-xhieda ta' Vincent Testa (a fol.63) u dik ta' Carmen Testa (a fol.67 et. sequitor) illi l-imputat ma kien seraq xejn mill-*handbag* ta' Carmen Testa u li t-tilwima bejn il-kwerelanti u l-imputat kienet wahda ta' natura civili fejn haddiem ma jzommx it-terminu taz-zmien li jkun ipprometta lil min qed iqabbdu.

In fatti, proceduri kriminali kontra Vincent Testa u Carmen Testa ghal gurament falz, gew institwiti mill-Kummissarju tal-Pulizija u fis-6 ta' Dicembru 2006 sar hlas ta' Lm 200 mill-imputat lill-kwerelanti u l-ahhar pagament ta' LM 500 mill-imputat lill-kwerelanti gie wkoll imhallas fil-mori tal-kawza (ara l-verbal ta' 23 ta' April 2007).

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat, Issa Isslam Tawfik Issa, mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------